BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 10/12 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 16 ta' Lulju 2012 fil-5.30pm**

| | |
|---|---|
| *Prezenti* | *Membri* |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | - |

Qabel mal-Kamra bdiet tiddisponi mill-Aġenda għaddiet sabiex tiġġudika l-offerti pubbliċi u l-kwotazzjonijiet li kien hemm pendenti minn Seduta Nru. 09/12.

- *Offerta Pubblika Nru. 03/12 – Kisi ta' toroq*

  Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kamra li mit-tweġibiet li kellha mill-Kunsilli Lokali ta' Malta dwar ħruġ ta' *default notices*, l-ebda kuntrattur li tefa' l-offerta ma kellu rimarki negattivi. Għaldaqstant il-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 2 – Polidano Bros. Ltd. minħabba li kien l-orħos wieħed.

- *Kwotazzjoni Nru. 06/12 – Provista ta' linka/toners/fax rolls*

  Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kamra liż-żewġ offerenti kienu disposti jieħdu l-linka vojta u jiddisponu minnha f'sit awtorizzat. Għaldaqstant il-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 2 – Office Essentials Ltd. minħabba li kien l-orħos wieħed.

- *Kwotazzjoni Nru. 08/12 – Provista ta' Garbage Bags*

  Wara li l-Kamra iġġudikat il-kwalita' tal-*garbage bags* provduti qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 2 – Dove's Petshop minħabba li l-*garbage bags* provduti min-naħa tiegħu kienu ta' kwalita' aħjar.

***AĠENDA -1***

K.Barun ressaq għad-diskussjoni fuq il-mejda tal-Kamra żewġ amendi għal *Bye-law* tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa – Żoni Esklużivi għal *Barbecues*. Iż-żewġ amendi li tpoġġew għad-diskussjoni huma :

- Estensjoni taż-żona esklużiva għal BBQ's.
- Jinstab post adegwat għall-attivitajiet tal-massa limitata għall-Għaqdiet.

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-ewwel proposta. Is-Sindku fakkar lill-Kamra li oriġinarjament din il-*Bye-law* saret wara diskussjoni mar-residenti u fuq talba tar-residenti stess u minn mindu daħlet fis-seħħ għalkemm il-Kunsill qala' kritika, il-Kunsill qala' wkoll ħafna prosit u ringrazzjament mir-residenti u għaldaqstant ma jaqbilx ma' din il-proposta. C.Cachia saħaq li minħabba l-problema kbira ta' ħmieġ li jeskala fix-xhur tas-Sajf fil-lokal, iż-żona riservata għal BBQ's m'għandhix tikber sabiex ma nkomplux inżidu din il-problema. S.Zammit ġibed l-attenzjoni li fuq il-*Bye-law* il-pjanta tan-naħa tal-Qajjenza mmarkata ħażin u għandha tiġi rranġata. Ukoll issuġġerixxa li, dejjem jekk il-Kamra tapprova l-estensjoni u hu possibbli, il-Kunsill m'għandux jintrabat b'*area* partikulari għal BBQ's iżda l-*area* tkun għad-diskrezzjoni tal-Kunsill Lokali minn sena għal oħra. C.Muscat saħaq li jekk isir qbil għandu jsir pjan sabiex BBQ's jibdew isiru biss bil-permess bi ħlas maħruġ mill-Kunsill Lokali. B.Pace talbet sabiex jekk titkabbar l-*area* jiġi kkunsidrat li l-BBQ's jibdew isiru bil-gass u mhux bic-*charcoal*. J.Baldacchino fakkar li l-problema li l-Kunsill dejjem jiltaqa' magħha hi l-kwistjoni tal-*enforcement* mill-entitajiet u inutli tagħmel ħafna kundizzjonijiet jekk ma jkunx hemm minn jiċċekkja li dawn ir-regoli qed jiġu mħarsa. S.Zammit ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li rridu niltilqu mill-prinċipju ta' jekk hux ser titkabbar l-*area* imbagħad għandha titkompla d-diskussjoni. Għaldaqstant is-Sindku talab sabiex il-Kamra tgħaddi għall-vot dwar jekk il-Kamra taqbilx li l-*area* allokata għal BBQ's skont il-*Bye-law* għandhix tiġi estiża. B'erba' voti favur (B.Pace, C.Muscat, S.Zammit u K.Barun) u tlieta kontra (is-Sindku – J.Farrugia, J.Baldacchino u C.Cachia) il-Kamra qablet li l-*area* allokata għal BBQ's għandha tiġi estiża. Il-Kamra kompliet tiddiskuti fuq din l-estensjoni u ġew suġġeriti żewġ postijiet :

- Il-*platform* tal-konkos ta' Wied il-Buni.
- Ix-xatt tal-Qajjenza fuq talba tal-Kumitat għal Qajjenza Aħjar.

Il-Kamra qablet li qabel tkompli tiddiskuti din l-*issue* għandha tinġieb, kif kien mitlub mill-Kumitat għal Qajjenza Aħjar, petizzjoni ffirmata mir-residenti li joqogħdu max-xatt kollu tal-Qajjenza li jaqblu li x-xatt tal-Qajjenza għandu jkun inkluż bħala *area* riservata għal BBQ's. Meta l-Kamra jkollha din il-petizzjoni f'idejha terġa' ttella' fuq l-aġenda din l-*issue.*

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti t-tieni proposta . K.Barun issuġġerixxa li tinstab *area* fil-Bajja s-Sabiħa fejn isir ukoll tisjir, riservata għall-għaqdiet għaliex dawn għandhom bżonn jagħmlu attivitajiet tal-massa sabiex jiġġeneraw dħul essenzjali għalihom. C.Muscat saħaq li r-ramla qatt m'għandha tintuża għal tisjir u li għalih ma tistax tagħżel bejn għaqda u individwu iżda tqis l-*area* bħala *area* għall-attivitajiet tal-massa kemm jekk tagħmilhom għaqda u kemm jekk isiru minn individwu. J.Baldacchino fakkar lill-Kamra li skont il-*Bye-law* hemm *area* tajba għall-attivitajiet tal-massa u din hi l-*area* ta' ħdejn il-Bocci Klabb f'Wied il-Buni. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li din l-*area* hi waħda tajba għall-attivitajiet tal-massa u m'għandhix tiżdid *area* oħra.

***Għeluq***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fis-7.30pm. .

| | |
|---|---|
| ........................................ | ............................................ |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |